MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 52/2006

Paul Tabone f'ismu propju u bhala mandatarju specjali ta' martu l-assenti Tanja Viljoen minnha legalment separat, bhala kuraturi ta' binthom minuri Aleta Tabone
vs
Id-Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent porprio et nomine li bih espona:

1. Illi l-minuri Aleta Tabone kienet wild ir-rikorrent Paul Tabone u l-principal tieghu, martu l-assenti Tania Viljoen, illum legalment separati;

2. Illi skond kif kien jista' jirrizulta mill-Att tat-Twelid relattiv, datat 30 ta' April 1990, li estratt tieghu gie anness mar-rikors u mmarkat bhala Dok A, id-data tat-twelid tal-

minuri kienet giet imnizzla erronjament bhala 28 ta' April 1990;

3. Illi effettivament, kif kien jista' jirrizulta mill-Avviz ta' Twelid taghha, li kopja awtentikata tieghu giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok B, l-imsemmija minuri kienet twieldet fil-25 ta' April 1990 gewwa l-iSptar Karin Grech, Pieta`, Malta, u mhux fit-28 ta' April 1990 kif indikat fl-Att tat-Twelid relattiv;

4. Illi fic-cirkostanzi, kien jenhtieg illi l-Att tat-Twelid (Dok A) tal-minuri jigi korrett sabiex jirrifletti dan l-istat ta' fatt u cioe`, illi l-kliem "28 ta' April 1990" fil-kolonna intestata "Il-hin, il-jum ix-xahar u s-sena tat-twelid", jigi sostitwit bil-kliem "25 ta' April 1990";

5. Illi r-rikorrent Paul Tabone kellu prokura specjali, li kopja taghha giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok C, ta' martu l-assenti Tania Viljoen, sabiex jintavola l-proceduri mehtiega ghall-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid ta' binthom il-minuri Aleta Tabone.

6. Illi dawn il-fatti kienu a diretta konoxxenza tar-rikorrent.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Previa dikjarazzjoni li l-minuri Aleta Tabone twieldet fil-25 ta' April 1990, tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku li jissostitwixxi l-kliem "28 ta' April 1990" fil-kolonna "Data tat-Twelid" fl-Att tat-Twelid relattiv (Dok A) bil-kliem 25 ta' April 1990, bhala d-data tat-twelid effettiva tal-istess minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimat li biha espona:

1. Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma kienx qed joggezzjona ghat-talba dedotta fir-rikors guramentat tar-rikorrent.

2. Illi kellha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid ta' tifla tar-rikorrent Paul Tabone u Tania Viljoen ma kienx attribwibbli ghal xi nuqqas tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghaldaqstant ma kellux jigi soggett ghall-ispejjez tar-rikors stante li ma kien jirrizulta li sar ebda zball min-naha tieghu. Fil-fatt id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni li kien ir-rikorrent stess kien obbligat li jivverifika li l-informazzjoni li kien iddikjara u li kien iddikjara ghaliha kienet korretta.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Roma D'Alessandro ghall-intimat irtirat it-tieni eccezzjoni.

Xehed Paul Tabone li qal li wara t-twelid tat-tarbija l-***mid-wife*** tatu karta, u hu hadha r-Registru Pubbliku u taha lil dak li kien qieghed hemmhekk. Ma kienx jaf lil min taha u mitlub biex jaghti dettalji qal li kien ragel. Wara xi hamest kien ircieva c-certifikat id-dar bil-posta, minn fejn kien kien irrizulta li d-data hija mnizzla hazin. Ra d-dokument a fol 20 tal-process u kkonferma li l-firma fuq l-Att tat-Twelid hija tieghu, u li d-data mnizzla hija 28 ta' April 1990.

Illi r-rikorrent ma gabx provi sufficjenti li juru li kien l-intimat li responsabbli ghall-izball li ttiehed. Irrizulta li hemm il-firma tar-rikorrent fuq l-Att imsemmi u dan

iwassal ghar-responsabbilta` tar-rikorrent ghall-izball imsemmi.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tilqaghha tiddikjara li Aleta Tabone twieldet fil-25 ta’ April 1990, u qed tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li jissostitwixxi l-kliem “28 ta’ April 1990” fil-kolonna “Data tat-Twelid” fl-Att tat-Twelid relattiv (Dok A) bil-kliem “25 ta’ April 1990”, bhala d-data tat-twelid effettiva tal-istess minuri.

Spejjez kontra r-rikorrent proprio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------